

(d) fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri <sup>(4)</sup>, fid-dawl tal-premessa (8) tagħha,

girriżultaw minn prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju?

- 2) Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda, dan il-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju għandu jiġi applikat biss fir-relazzjonijiet bejn kumpannija u l-azzjonisti tagħha, jew, għall-kuntrarju, għandu jiġi applikat ukoll fir-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti ta' maġġoranza li jeżerċitaw jew jiksbu l-kontroll ta' kumpannija u l-azzjonisti ta' minoranza ta' din il-kumpannija, speċjalment fil-każ ta' kumpannija li l-ishma tagħha huma elenkati f'Borża?
- 3) Fil-każ ta' risposta affermativa għaż-żewġ domandi preċedenti, dan il-prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju għandu, fid-dawl ta' l-iżvilupp fiż-żmien tar-referenzi msemmija fl-ewwel domanda, jiġi kkunsidrat li ilu jeżisti u li ilu applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti ta' maġġoranza u ta' minoranza fis-sens tat-tieni domanda, minn qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2004/25/KE ċċitata iktar 'il fuq u, f'dan il-każ, minn qabel ma sehew il-fatti in kwistjoni fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2001?

<sup>(1)</sup> It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE, tat-13 ta' Diċembru 1976, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU 1977, L 26, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 212, p. 37.

<sup>(3)</sup> ĠU L 66, p. 21.

<sup>(4)</sup> ĠU L 142, p. 12.

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-105/08)

(2008/C 116/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: R. Lyal u M. Afonso, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

#### Talbiet

— tiddikjara li meta tintaxxa l-ħlas ta' interessi f'pajjiżi barranin, b'mod aktar oneruż mill-ħlas ta' interessi lill-persuni residenti fit-territorju Portugiż, ir-Repubblika Portugiża timponi

restrizzjoni fuq l-għoti ta' servizzi ta' kreditu ipotekarju u ta' tipi oħra ta' kreditu minn istituzzjonijiet finanzjarji residenti fi Stati Membri oħra u fi stati li jiffurmaw parti mill-Ftehim ŻEE, u b'hekk naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 49 KE u 56 KE u taħt l-Artikoli 36 u 40 tal-Ftehim ŻEE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Código do Imposto sobre o Rendimento das Pessoas Colectivas (CIRC) (Kodiċi tat-tassazzjoni tal-kumpanniji) jipprovdi għal trattament fiskali differenti tad-dħul minn interessi mħallsa lil istituzzjonijiet finanzjarji, skond jekk dawn humiex residenti fit-territorju Portugiż jew le.

It-tassazzjoni applikabbli fil-Portugall għall-interessi mħallsa lill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti fil-Portugall tirriżulta f'piż fiskali effettivament aktar oneruż minn dak impost fuq il-persuni taxxabli li huma residenti fil-Portugall fir-rigward ta' dħul simili. Il-liġi nazzjonali b'hekk tiskoraġġixxi lil istituzzjonijiet finanzjarji li mhumix residenti fil-Portugall milli joffru s-servizzi tagħhom fis-suq Portugiż, b'mod partikolari, il-kreditu ipotekarju, u jostakola lill-persuni residenti fil-Portugall milli jkollhom aċċess għal servizzi ta' kreditu li jistgħu jkunu offerti lilhom minn istituzzjonijiet bħal dawn. Leġiżlazzjoni ta' dan it-tip b'hekk tamonta għal restrizzjoni fuq il-libertajiet fundamentali skond l-Artikoli 49 KE u 56 KE, u skond l-Artikoli korrispondenti tal-Ftehim ŻEE.

### Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-109/08)

(2008/C 116/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: Maria Patakia)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li billi ma adottatx il-miżuri neċessarji biex teżewgwxxi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ottubru 2006, fil-kawża C-65/05, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 28 KE, 43 KE, 49 KE u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34/KE <sup>(1)</sup>;